# MINN ĠRAJJIET IL-MOSTA MATUL IT-TIENI GWERRA DINJIJA

*Anthony Camilleri*

Ħamsin sena wara tmiem it-Tieni Gwerra Dinjija bosta pajjiżi, fosthom dawk li kienu minn ta' quddiem nett fil-ġlied, waqfu biex, waqt li jiċċelebraw, jirriflettu fuq dawk il-ġrajjiet imdemma. X' tagħlimiet ħadu? X'għaddiet minnu d-dinja f'nofs seklu? X'sar li seta' sar aħajr? X'inhuma r-realtajiet ta' issa? X'ħadna minn ġrajja li swiet tant miljuni ta ħajjiet li setgħu għexu jiemhom fil-kwiet?

Malta sabet ruħha fil-gwerra għax kienet kolonja ta' l-Imperu Ingliż. Meta l-Gran Britannja daħlet fil-gwerra f'Settembru 1939 kontra l-Ġermanja, kaxkret lil Malta magħha awtomatikament. Il-**Panzerdivisionen** u l-**Fliegerkorps** kienu għadhom 'il bogħod u hekk baqgħu sakemm Benito Mussolini żżerżaq lejn il- Furer u l-Ġermanja Nażista li ħoloq. Kien l-10 ta' Ġunju, 1940 u l-għada, ftit qabel is-7.00 a.m., sar l-ewwel ħbit mill-ajru mir-**Regia Aeronautica**, li suppost kellha twaqqa' dalma fuq il- Mediterran malli ttir, u kien hemm l-ewwel vittmi Maltin.

## Il-MOSTA

Fil-Mosta,jew qribha, kien hawn żewġ postijiet strateġiċi. Ta' Qali kien ajrudrom ġdid għall-ajruplani tal-passiġġieri u t-Taljani kienu jafuh għax kienu jinżlu u minn hemm jitilqu. L-**Ala Littoria** kienet ittajjar servizz ta' ajruplani minn Malta għall-peniżola Taljana qabel il-gwerra. Kien hawn ukoll il- Fortizza tal- Mosta, post fejn kien jinħażen ħafna materjal splussiv tal-gwerra. L-attenzjoni tal-Ġermaniżi u t-Taljani kienet fuq Ta' Qali u l-attakki li bdew isiru fuqu bdew jolqtu wkoll dik li darba kienet il-ħajja kwieta ta' poplu rurali okkupat principalment fil- biedja. Ħaġa li tolqtok hi li r-refuġjati mit-Tlett Ibliet u bnadi oħra ssikkati mill-morsa tal-Luftwaffe ġew joqogħdu l-Mosta qisu din kienet imtarrfa minn kull periklu. Fost dawn ir-refuġjati kien hemm familji sħaħ li rabtu għeruqhom mal-Mosta u ġew joqogħdu hawn għal dejjem biex ma jirritornaw qatt iżjed lejn pajjiżhom ħlief biex iżuru lil qrabathom minn żmien għal żmien.

## HTIEĠA TA' TAGĦLIM

Żminijiet imwiegħra bħal dawk kienu jitolbu tmexxija għaqlija. In-nies ma riduhiex tippanikja u anqas toħloq kriżijiet bla bżonn. Il-mezzi tax-xandir u l-gazzetti kienu jwasslu tagħrif mid-Dipartiment ta' l-Informazzjonidwar il-miżuri li kellhom jittieħdu waqt ħbit mill-ajru sakemm jitħaffru x-xelters. Kienu jgħidulhom biex jistkennu taħt it-taraġ, iżda din kienet miżura biex ittaffi l-biża. Fil-fatt taraġ kien jiġġarraf b'laqta diretta u min ikun taħtu jintradam, ħaj jew mejjet. Meta tħaffru x-xelterijiet fl-1941 saret propaganda qawwija biex in-nies tużahom u kien obbligatorju li jinżlu fihom, jekk ma jkunux taħt xi saqaf, waqt ħbit mill-ajru. Min jinqabad fit-triq kien ikun qed jikser il-liġi u jfixkel il-Home Guard u t-truppi f'kas ta' invażjoni.

Għall- moral u għax hekk kienet il-verità, lill-poplu kien jgħidulu kemm batew in-nies ta' Coventry bil-bumbardamenti, kemm intilfu nies u kemm iġġarraf bini storiku, wirt prezzjuż ta' missirijiethom. Kienu jwissuhom kontra s-suq l-iswed u biex jirrapurtaw lil min ibiegħ bi prezzijiet għoja.

Il-Kav. Salv Gatt, Mosti,eks-Direttur ta' l-Edukazzjoni, fl-1940 inħatar sub-editur fid-dipartiment ta' l- Informazzjoni u kien imexxi l-pubblikazzjoni



*Santa Marija tal-Konvoj - pittura ta' Pawlu Camilleri Cauchi*

**Information Service Bulletin.** Il-Kav. Gatt ħalla l-Mosta fis-sajf ta' l-1940. Sa dak iż-żmien hu, u miegħu s-Sur Nazzareno Abela, eks-surmast ta' l-Iskola Primarja tal-Gvern tal-Mosta u wara Spettur fl-Iskejjel tal- Gvern, kien Spettur fl-Special Constabulary, li twaqqfet biex tgħin lill-pulizija fi dmirijiethom. Il-Kav. Gatt dam fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni sal-1964 meta ntbagħat lura fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Kien hemm għalliema oħra li daħlu biex jagħtu servizz marbut mal-gwerra, fosthom wieħed mill-għalliema tiegħi li għallimni fi żminjiet il-paċi, is-Sur Joseph Sciberras. Rajt isem ukoll is-Sur Pasquale Galea. L-għalliema kienu mfittxa minħabba li kienu fost il-mexxejja aċċettati tal-poplu mill-istess poplu.

## IS-SENA TAL-QILLA

It-tieni blizz ta' Malta beda fit-22 ta' Diċembru, 1941. Beda b'rejdijiet li jdejqu u li baqgħu jikbru sakemm waslu għall-**Blitzkrieg** memorabbli tal-20 ta' Marzu, 1942, skond Cajus Bekker l-ewwel **carpet bombing** li għamlet il-Qawwa ta' l-Ajru Ġermaniża tul il-kors tal-gwerra fuq kwalunkwe front tal-battalja fejn ittajret, issieltet u tqatlet għas-supremazija u r-rebħa. Dakinhar Ta' Qali kien sar



*Id-dawl tax-xemx dieħel mit-toqba tal-bomba fis-saqaf tar-Rotunda*

tabakk u l-għada, il-bidu tar-rebbiegħa qatt minsi ta' 1942, l-imsejkna fix-Xelter 71 ta' Triq Gafà kellhom iduqu l-qilla tal- balal li splodew fiż-żewġ bokok. Min baqa ħaj kien twieled mill-ġdid; oħrajn raqdu r-raqda ta' dejjem. Kienet l-agħar traġedja fl-istorja tal-gwerra fil-Mosta.

## NUQQASIJIET

F'Jannar 1942 dehru bosta ittri ta' korrispodenti Mostin fit-**Times of Malta.** Saru ħafna lmenti. Xi nies kienu qegħdin jieħdu ħafna affarijiet żejda fix-xelters. Ħafna nies ma setgħux jistkennu fihom bil-lejl għax ma kienx hemm spazju. Ħaddiema li jiġu mix-xogħol kienu qegħdin isibu x-xelters mimlijin ġa fl-4.00 p.m.

Korrispondenti oħra gergru li fix-xelters ma kienx hemm iġjene biżżejjed. Xi nisa weġġgħu huma u neżlin it-taraġ għax ma kiex imħaffer sew. Oħrajn kienu jieħdu reċipjent tad-WC fix-xelters u dawn kienu ta' inkonvenjent kbir.

Xi korrispondenti talbu li jinħarġu biljetti mill-Uffiċjali tal-Protezzjoni biex fihom jinkiteb l-għadd ta' banketti, siġġijiet, imtieraħ u ħwejjeġ oħra li wieħed seta' jżomm fix-xelter. Kellhom ikunu eżentati x-xjuħ, nisa tqal, invalidi u tfal taħt il-ħames snin. L-awtoritajiet kellhom jiżguraw li x-xeltrijiet jinżammu ndaf.

## XELTRIJIET

Fil-Mosta s-Sur Indrì Abela nħatar **shelter cleaner.** F'Ġunju 1978 Indrì semmieli bejn wieħed u ieħor it-triqat fejn jinsabu x-xelters b'ħeffa li għaġġbitni għax ma bsartx li wara madwar 35 sena kien ser jiftakarhom hekk malajr. Kienu dawn: Triq il-Wata (tnejn), Triq San Anard, Triq it-Tama (tnejn), Triq it-Torri (tlieta), Pjazza r-Rotunda, Triq il-Kbira ħdejn il-Cash and Carry, Triq San Ġużepp, Triq Santa Margerita, Triq il-Pont (tnejn), Triq Gafà, Pjazza l-Oratorju, Triq San Anton, Triq Tonna, Triq Santa Marija u Triq il-Kungress Ewkaristiku (tnejn).

Ma' dawn inżidu wieħed fi Triq Callus, ieħor fil-grawnd ta' l-Oratorju Qalb ta' Gesù u dak Nru 144, li kien jinsab fi Triq il-Kostituzzjoni u kien għadu ma tlestiex sa Frar 1942 minkejja li kien ilu erbatax-il xahar jitħaffer.

Dawn ix-xelters kienu pubbliċi. Kien hemm oħrajn żgħar li tħaffru mis-sidien ta' djar privati għall-użu personali.

Il-kannierja tar-Rotunda wkoll għamlet żmien twil tintuża bħala xelter minn madwar erbà mitt ruħ, li kienu jorqdu fiha bil-lejl. Is-sur Edwin Zammit, organista tal-parroċċa, kien refuġjat ċkejken mit-Tlett Ibliet u nhar id-9 ta' April, 1942 kien fil-kannierja. Jiftakar il-blast tal-bombi li splodew ftit 'il bogħod jilgħab bid-dawl tax-

xemgħat mixgħula quddiem id-Duluri u jbattihom.

## VITTMI

L-ewwel vittma fost il-pajżana li tilfu ħajjithom u li kienet toqgħod il-Mosta kien Lawrece Tabone ta' 35 sena. Miet fit-8 ta' April, 1941. Fl-1941 mietu wkoll Carmela Cassar ta' 29 sena fil-15 ta' April, Saviour Galea ta' 82 sena fis-7 ta' Mejju u Mary Barberi ta' 74 sena fit-i2 ta' Ġunju.

Fit-2 ta' Jannar, 1942 mietu Carmel Mifsud (55) u Carmel Muscat (58). Fid-19 ta' Jannar, 1942 intlaqtu d-djar tal- familji Riolo u Bugeja, jiġu minn xulxin, fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u mietu tmienja min nies. Dakinhar ukoll intefgħu bombi fi Triq il-Pont u l-pjazza ta' l-Oratorju. Mietu tmienja oħra, sitta dakinhar u tnejn oħra minn erbatax korruti, li mietu wara. Il-bini madwar l-Oratorju Qalb ta' Ġesù kif ukoll il-faċċata l-Oratorju saritlhom ħsara konsidervoli. Il-kanċell inqala' minn postu u ssabbat mill-blast mal-bieb tal- kappella, li ġarrab ħsarat kbar. Għadhom jidhru xi daqqiet żgħar ta' splinters li spiċċaw fil-Kappella ta' l-Oratorju Qalb ta' Ġesù.

Dan kien xokk peress li sa dak iż-żmien il-Mosta ma kinitx daqet il-kefrija ta' daqstant imwiet. Is-Sur A.J. Mallia Verona ħalla miktub li dik il-ġimgħa l-Mosta, "our picturesque and popular Mosta, agreeable haven to hundreds of refugees, was sorely stricken". Fl-istess ħin faħħar lit-tobba, kleru u l-Air Raid Precautions (ARP) għal dak li għamlu.

## TIQLIEL IL-ĦRUXIJA

Il-ħbit fuq Malta żdied. Fi **Blitz Notes f'Times of Malta** tal-14 ta' Frar, 1942 insibu li fil-ġimgħa li kienet għadha kif għalqet il-Mosta kienet fost il-postijiet li l-aktar li sofrew mill-attaki mill-ajru. Minn korrispodenza ta' din il-ħabta jidher li tlieta minn kull erbgħa min-nies kienu jorqdu fix-xeltrjiet minkejja l-inkonvenjenzi kollha.

Il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu, 1942 wasal l-ewwel ħbit ta' xeħta apokalittika fuq Malta tat-tieni fażi qalila tal-gwerra f'Malta. Il-post li laqqatha kien Ta' Qali. L-għada s-Sibt, 21 ta' Marzu, għas-siegħa, is-sagħtejn ta' wara nofsinhar, intlaqat ix-xelter ta' Triq Gafà fil-bokok tiegħu u ħalla mat-tmienja u tletin ruħ mejta u għadd ta' feruti. Kien l-agħar attakk mil-Luftwaffe minn meta rritornat fi Sqallija taħt li-kmand ta' Albert Kesselring u t-Tieni Diviżjoni ta' l-Ajru tiegħu. Dak kien jum ta' luttu u baqà mfakkar bħala l-agħar traġedja tal-gwerra fil-Mosta.

## EDUKAZZJONI

L-iskejjel primarji fi Triq Grognet ittieħdu biex jintużaw bħala ċentru ta' l-ARP. It-tfal kienu jmorru l-Oratorju Qalb ta' Ġesù.



*Ritratt ta' l-iscouts tal-Mosta meħud sew sew meta spiċċat il-gwerra. Bini mġarraf jidher fuq wara. Araw kemm tagħrfu minnhom?*

It-tfal Mostin li kienu jattendu l-Lija Lyceum żdidilhom il-ħin b'nofs siegħa u kienu qegħdin jaħlu nofs ta' nhar sħiħ minħabba l-attakki spissi. X'uħud ma komplewx l-edukazzjoni sekondarja tagħhom.

## UFFIĊĊJU TA'L-INFORMAZZJON

Is-Sbit, 19 ta' Settebru l-On. G. N. N. Nunn, Assistent tal-Logotenent-Gvernatur u Uffiċjali ta' l-Informazzjoni f'Malta, fetaħ fergħat tal-Branch Information bureau f'Nru 248, High Street, (Triq il-Kbira) fis-6.00 p.m. L-Istring Band tar-Royal Irish Fusiliers ferrħet in-nies għall-okkażjoni.

## IL-HAMIS, ID-9 TA' APRIL, 1942
## JUM LI MA JINTESA QATT

Minn qalb ix-xewk toħroġ il-warda bħalma kultant mir- realtà kerha tal-ħajja joħroġ il-balzmu. Hekk ġara fil-Mosta nhar id-9 ta' April, 1942 meta r-Rotunda ntlaqtet darbtejn minn żewġ ajruplani differenti tal-Luftwaffe f'nifs ta' ftit minuti minn xulxin.

Għall-ħabta ta l-4.30 p.m. Messerschmitt 109 laqat il-kampnar tal-qanpiena l-kbira b'bomba **Sprengbombedickwangdig** (SD) 50 ta' 50 kilogramma. Din spiċċat fuq iz-zuntier u ma ħaditx. Fl-istess ħin instemgħet tifqigħa żgħira relatattivament ma' splużjonijiet ta' bombi kbar in-naħa tal-koppla fuq San Ġużepp. Din kienet tip ta' bomba żgħira, aktarx bomba-farfett SD 2 kg.

Madwar għaxar minuti wara, fl-4.40p.m., ajruplan Junkers 88 xeħet għadd ta' bombi. **Sprengbombe-cylindrische SC 500** (1100 libbra) daħlet mill-koppla n-naħa ta' San Ġużepp, daret għal fuq il-lunetta ta' Kristu ma' l-Appostli u spiċċat fl-art mingħajr ma ħadet ftit passi bogħod mill-ħajt. Minkejja d-debris li waqa', ħadd ma korra. Dawk fost il-kleru Mosti li ffirmaw il-petizzjoni ta' l-Inkurunazzjoni tal-Kwadu ta' l-Assunta, li ġiet ippreżentata mill-Arċisqof Mikiel Gonzi f'Novembru 1973, issottomettew hekk: "Ta' min isemmi wkoll il-bomba li waqgħat fuq il-knisja fl-aħħar gwerra dinjija: din nifdet il-koppla mingħajr ma waqqgħetha... hija l-fehma komuni ta' ħafna li kienet l-Assunta, il-Protettriċi ċelesti tagħhom, li ħelset il-knisja mit-tiġrif. Ma jiġix viżitatur li ma jistagħġibx bil-fatt kif ħelsitha l-knisja u li ma jgħidlekx li kienet grazzja speċjali."

Żewġ bombi SC 50 kg waqgħu mal-ħajt tal-kannierja n-naħa ta' l-altar ta' Santa Filomena u ma splodewx anqas.





*Xi tfal li mietu fil-morta matul il-gwerra. Edwin Gatt (ritratt) ta' 12-il sena, Albinu Bezzina (12) u ħuh Franġisku (13). Charlie Vella (l-ewwel mil-lemin) ħa dan ir-ritratt ma' ħbiebu l-jum ta' qabel ma mietu t-tlieta fix-xelter ta' Triq Gafà, Mosta.*

## ID-DIFIŻA FIL-MOSTA

Ta' Qali kien target militari ta' l-akbar importanza u l-Ġermaniż kienu jiġu għalih b'ħilithom kollha. Il-Mosta batiet ħafna minħabba dan l-ajrudrom, li kien l-uniku ajrudrom ta' **fighters** li kellhom l-Ingliżi fil-Mediterran f'din il-ħabta mwiergħa ta' l-istorja ta' artna u ta' arthom.

Kien hemm id-Dwejra Lines, il-quċċata ta' l-għolja hekk imsejħa Dwejra li tieħu mill-Mosta għaż-Żebbiegħ. Kien hemm il-batterija tal-Biżbiżija u kanuni madwar l-ajrudrom li kien jwasslu lil hinn minn Triq Valletta u Vjal l-Indipendenza u jibqgħu sejrin sa l-inħawi magħrufa bħal Tas-Sgħajtar.

Kien hemm batterija ta' **searchlights** f'dik il-parti ta' Triq Gafà li tisab in-naħa ta' Triq l-Għarusa tal-Mosta. Kienet ġiet mina u, meta kont żgħir, kien għadha tidher l-għamla tal-krejter li għamlet. Fl-inħawi fejn illum Triq Santa Marija taqsam ma' Triq Calì kien hemm trunċieri u sptar tar-Royal Army Medical corps. Kien hemm ħażna ta' munizzjon fil-fortizza tal-Mosta. Kurjuża li qatt ma smajna li saru attakki fuq din il fortizza.

Inkarigati mid-difiża ta' l-artillerija kien hemm, minn barra s-suldati Maltin maqbudin bil-lieva, suldati tar-Royal Irih Fusiliers. Qabel il-gwerra kien inbena maħżen tal-munizzjon għar-Royal Army Ordnance Corps. L-iskop kien li jikkomplimenta l-Fortizza tal-Mosta.

## IKEL

Il-Maltin kollha batew il-ġuħ u l-Mostin ma naqsux li jbatu bħalhom, kif tixhed korrispondenza ta' dak iż-żmien. Żgur li fil-Mosta kien hawn erba' Victory Kitchens bil-limitazzjonijiet kollha tagħhom. Waħda kienet f'36a, Triq it-Torri, oħra f'90a,Triq il-Ġnien, u oħra fi Triq il-Kungress Ewkaristiku u Triq il-Pont.

Ħafna Mostin kienu jterrqu lejn Burmarrad biex jixtru l-ħaxix. Xi nisa kienu jissugraw jersqu lejn Ta' Qali biex jaqtgħu t-tfief biex jagħlfuh lill-bhejjem tagħhom. X'uħud jgħalluh biex jieħdu xi ħaġa meta l-ikel jiskarsalhom sewwa.

Is-Sur Emanuel Bajada kien inkarigat miċ-ċentru li l-Gvern fetaħ biex jgħallem in-nies jkabbru l-uċuh tar-raba' tagħhom. Dan il-programm kellu l-għajta **Dig for Victory.**

## IT-TRAĠEDJA TAT-TLITT ITFAL

Bħala parti minn kampanja biex jinżergħu terrur u tfixkil, bdew jinxteħtu bombi anti-personnel waqt l-attakki mill-ajru. Nhar id-29 ta' Mejju, 1942 tlett itfal Mostin, l-aħwa Franġisku Bezzina ta' ħdax -il sena u Albinu ta' għaxar snin u ħabibhomEdwin Gatt ta' tnax-il sena, kienu f'għalqa fl-inħawi fejn illum hemm il-Kunvent tas-sorijiet Agostinjani fi Triq Ponsonby. Fetlilhomm jilagħbu b' bomba **anti-personnel,** li ma ħafrithilhomx, għax ħalliethom mejta. Dik il-ħabta saret propaganda kbira biex oġġetti ssuspettati ma jintmessux; iżda vittmi baqa' jkun hemm.

## MINN MEJJU SA AWISSU

Fl-10 ta' Mejju, 1942 is-sema Malti mtela bil-ħsejjes tal-magni ta' 62 Spitfire MK V B, li ntelqu minn fuq il-USS Wasp u HMS Eagle. Kien il-bidu tat-tmiem għas-supremazija Tedeska fl-ajru ta' Malta. Hafna mill-iSpitfires spiċċaw Ta' Qali u kienu ġa qegħdin jittajru wara għaxar minuti b'piloti li ħadu post dawk li ġabuhom ħalli jeħduha kontra l-ajruplani Ġermanizi li ħasbu li kienu ser jeqirduhom fl-art bħalma kien għamlu ix-xahar ta' qabel lill-kunsinna oħra.

## IX-XAHAR TA' SANTA MARIJA OPERAZZJONI PEDESTALL

Suppost li skond il-pjani Italo-Tedeski Lulju jew Awissu kellhom jaraw lil Malta magħuda mat-territorju maqbuda mill- Assi. Hitler baqa' suspettuż mit-telf li kien jġarrbu f'każ ta' invażjoni wara dak li ġara fi Kreta. L-invażjoni ma ġrat qatt u Erkole, jew **Operazione C3,** tgħattan taħt il-pedestall. **(Operation pedestal),** li sar magħruf aħjar fl-istorja popolari bħala l-Konvoj ta' Santa Marija.Kien kovoj mill-aktar deċiżivi fl-istorja dinjija u l-element l-aktar importanti tiegħu, it- tanker **Ohio,** daħal fil-Port il-Kbir nhar Santa Marija, il-festa l-aktar popolari fost il-Maltin. Min jaf x'ħassew missirjientna!

## ĊENTRI GĦAR-REFUĠJATI

L-Oratorju Qalb ta' Ġesù fetaħ il-bibien tiegħu u ma kienx hemm kamra li tħalliet vojta. Dan l-Oratorju sewa wkoll bħala skola primarja tal-Gvern u tħaffer xelter fil-grawnd.

L-Oratorju tal-Bniet, li kien jinsab fi Triq il-Kbira fejn l-istatwa ta' San Ġużepp, ittieħed ukoll għar-refuġjati. Kien għalhekk li t-tagħlim tad-duttrina beda jsir fid-dar li s-Sorijiet Agostinjani kellhom wara l-knisja arċipretali.

Il-Każin tal-Banda Nicolò Isouard u dak ta' Santa Marija nbidlu f'ċentri għar-refuġjati.

Kienu bosta l-familji Mostin li laqgħu refuġjati għandhom. Maż-żmien u mal-wasla tas-sliem xi refuġjati marru lura mnejn ġew; iżda oħrajn tefgħu l-ankri hawn u

baqgħu jgħixu fostna.

Is-sena 1943 ġabet titjib f'dik li kellu x'jaqsam mat-tbatija kawżata mill-bumbardimenti. Il-Ġermaniżi baqgħu jnaqqsu u fit-8 ta' Settebru,1943 il-flotta Taljana ċediet u nġabet Malta taħt il-ħarsien tal-kanuni tagħna. Baqgħu jsiru attakki minn żmien għal żmien, iżda aktar kemm l-Anglo-Amerikani bdew telgħin 'il fuq fl-Italja, aktar bdew jonqsu l-attakki. Dawn sfumaw u fl-aħħar waslet il-ġurnata tat-8 ta' Mejju, 1945. Kien jum ir-rebħa fl-Ewropa - VE, Vittorja fl-Ewropa.

Il-qagħda ekonomika u soċjali bdiet titjieb b'passi żgħar ħafna. Malta kellha bżonn ta' programm ta' rikostruzzjoni. Kien hemm il-kwisjoni ta' l-għarfien tas-sehem li Malta tat għall-isforz tal-gwerra. Sal-1949 kienet ħaġa ta' lussu u sinjal li wieħed qiegħed jistmak ħafna meta joffrilek landa gallettini li jkun ġab miegħu minn barra. Kien għad fadal ħafna skarsizzi ta' materjal u ikel. Madanakollu kienu qegħdin jitqiegħdu l-pedamenti ta' Malta ġdida u t-tibdiliet kellhom ikun ġmielhom u profondi, imqar jekk l-ispirtu tat-tradizzjonijiet u l-istorja baqa' jinfluwenza, b'modi u b'effetti varji, l-ethos u l-identita ta' pajjiżna.



IL- BAR MAN TAL-KAZIN TA' SANTA MARIJA TAL-MOSTA (FRANS)

**Fejn issib *ATMOSFERA* ta' hbiberija u ambjent familjari. Kif ukoll kull xorta *ta-Snacks, Xorb Genwin u Appetizers.***

*Frans u il- Familja jixtiqulkom il-Festa Tajba.*